Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città Beland
Frott iż-Żobbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 10/12 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 04/10/2012 fis-6.30pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Preżenti |
| | Fenech Stephanie | Preżenti mid-6.50pm |
| | Hales Joseph | Skużat minħabba mard |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Skużata minħabba xogħol |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistant Principal Caroline Schembri

**10. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Minuti 09/12 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 09.9.3 | Fl-aħħar tas-sentenza jiżdiedu l-kliem 'fl-istess zona'. | | |
| | 09.9.8 | Id-dati jinbidlu u jsiru mid-19 sas-26 t'Ottubru. | | |
| | 09.9.15 | Minflok il-kelma 'proposta', tidħol il-kelma 'mozzjoni'. | | |
| 10. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**10. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2. 1 | 09.2.7 | Viċi-Sindku: Xogħlijiet fil-komun fil-blokki tal-gvern | Wara li jidher li l-Awtorita' tad-Djar għandha xi problemi, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lir-residenti tal-blokki ta' Ħal Tmiem li l-Awtorita' tad-Djar ser tagħmel xogħol fuq is-soqfa, xafts u l-blokk mill-barra. Ser jitnizzel ukoll l-isem u t-telefon number tal-Perit. Il-manutenzjoni fuq ġewwa, wara li saru x-xogħlijiet mill-Awtorita', hija f'idejn l-inkwilini. Nhar l-Erbgħa 10 t'Ottubru fis-2pm ser issir laqgħa ma' l-Awtorita' tad-Djar dwar Qasam Ta' Ganza. Il-bill of quantities qed jitħejjew mill-Perit Melanie Spiteri. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 10. 2. 2 | 09.28. | Seychell: Skart fiz-zona Ta' Strejnu | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-area tal-farmhouses fiz-zona Ta Strejnu li joħorġu skart reċiklabbli fi ġranet li ma jsirx il-ġbir tiegħu. Is-Sindku talab li nkellmu lill-kollettur dwar il-jiem meta jinġabar l-iskart u niktbu lir-residenti. | |
| 10. 2. 3 | 09.2.11 | Seychell: Underground bring-insite | Seychell informa lill-Kunsill li l-problema fl-underground bring-in site fi Ġnien Brejġu għadha tippersisti filwaqt li l-kontenitur tal-plastik jinsab imfawwar. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2. 4 | 09.3.6 | Sindku: Symposium dwar il-Villa Rumana | Il-Viċi-Sindku kkonfermat l-attendenza tagħha għas-symposium dwar il-Villa Rumana li ser isir is-Sibt 13 ta' Ottubru fid-Domus. Il-Kunsilliera ġew imħeġġa jattendu u jikkonfermaw l-attendenza tagħhom lis-Segretarjat. | |
| 10. 2. 5 | 09.3.7 | Sindku: Employee Support Programme | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Employee Support Programme ma sarx fil-Kunsill Lokali Żejtun għaliex saret talba ta' Eur50 għall-kiri tas-sala. | |
| 10. 2. 6 | 09.3.8 | Sindku: Triq President Anton Buttiġieġ | Is-Sindku irrapporta l-laqgħa li saret mal-Inġinier David Sutton ta' Trasport Malta fejn f'isem il-Kunsill insista li l-priorita' tibqa' speed camera u li r-residenti jkollhom service road billi t-triq titwessa fuq in-naħa ta' l-għelieqi. TM ikkonfermat li dawn il-proposti ma jistgħux jintlaqgħu, l-ispeed camera minħabba regoli tat-traffiku u twessiegħ tat-ttriq jiddependi mill-Local Structure Plan. Is-Sindku u Darmanin irrapurtaw ukoll dwar il-patches perikolużi li jinsabu f'din it-triq. TM ipproponiet li jsiru gateways biex ma jsirx overtaking. Il-Kunsill ser jistenna l-pjanta bil-proposti ta' TM biex jagħti l-opinjoni tiegħu. | Sindku Darmanin |
| 10. 2. 7 | 09.3.12 | Camilleri: Triq Nikol Attard | Camilleri staqsa x'ser isir biex ma jgħaddux aktar vannijiet minn Triq Nikol Attard. Is-Sindku informa lill-Kunsill li rċieva petizzjoni mir-residenti ta' din it-triq sabiex it-triq ma tingħalaqx. **Il-Kunsill qabel li għandu jieħu l-parir ta' TM sabiex issir tabella għal no heavy vehicles.** Fenech semmiet li din il-problema teżisti wkoll fi Trejqet il-Kebbies il-Fanali. Dwar dan TM approvat li t-triq tkun magħluqa għat-traffiku. | |
| 10. 2. 8 | 09.6.5 | Sindku: Proġett Ħal Tmiem/San Niklaw | Is-Sindku irrapporta lill-Kunsill li bdiet fażi A tal-proġett chapel to chapel Heritage Trail Ħal Tmiem/San Niklaw, minn Sqaq Brieqex u wasalna sa Triq Wied iz-Ziju u Triq tar-Ramla safejn sar resurfacing mit-TM. | |
| 10. 2. 9 | 09.7.2 | Tender 08/12: Ġbir ta'Skart Goff | Is-Sindku irrapporta li l-Kuntrattur Ronald Bezzina beda bil-kuntratt ta' ġbir ta' skart goff mit-Tnejn 4 ta' Ottubru bil-ġbir isir kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, il-Ħamis u s-Sibt għall-prezz ta' Eur2.29 għal kull sejħa, skond it-Tender approvat mill-Kunsill. | |
| 10. 2. 10 | 09.7.3 | Tender 09/12: PC-SS | Is-Sindku irrapporta lill-Kunsill li saret laqgħa mas-Sur Mario Borg fejn dan qal li lest li jġib vacuum cleaner zgħir. Fuq proposta tas-Sindku sekondata mill-kunsillier Pace, **il-Kunsill qabel li din l-offerta, li kienet l-orħos, għandha tingħata lis-Sur Mario Borg.** | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2. 11 | 09.9.6 | Camilleri: Librerija Pubblika | Camilleri ġab kwotazzjoni għal xogħol ta' tibjid u żebgħa fil-Librerija Pubblika għall-prezz ta' Eur700. **Il-Kunsill aċċetta din il-kwotazjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom isiru t-tabelli ta' l-istess librerija.** | Camilleri |
| 10. 2. 12 | 09.9.12 | Viċi-Sindku: Creative Writing Course | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata mis-Sinj. Annabelle Desira sabiex fil-Kunsill jibdew isiru korsijiet ta' kitba kreattiva mill-FES. Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa magħha. | Viċi-Sindku |
| 10. 2. 13 | 09.9.15 | Sindku: Triq tissemma għall-Perit Duminku Mintoff | Is-Sindku informa lill-Kunsill li daħlu proposti bħal parti minn Triq il-Labour u Triq San Duminku biex dawn jissemmew għal Perit Duminku Mintoff. **Il-Kunsill qabel li għandu jevalwa l-proposti li jidħlulu.** | |

**10. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/12. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 3. 1 | 01 | MEPA: PA2250/12 | **Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core kif ukoll li t-triq ma tiflaħx għal basements.** | Sindku |
| 10. 3. 2 | 01 | MEPA: PA2287/12 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li għandu jinżamm il-karattru ta' l-area.** | Sindku |
| 10. 3. 3 | 03 | DLG: Memo 35/12 | Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku sabiex issegwi l-korrispondenza dwar l-iskema ta' impjieg inklussiv fil-komunita'. | Viċi-Sindku |
| 10. 3. 4 | 12 | TCTC: Korsijiet fix-xitwa tal-kompjuter | Is-Sindku inkariga lill-kunsillier Camilleri sabiex isegwi l-korrispondenza dwar il-korsijiet fix-xitwa tal-kompjuter offruti minn TCTC. | Camilleri |

**10. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 10. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 10/12 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 10/12 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 10. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 10/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 10. 4. 4 | | Petty Cash - Settembru 2012 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq għax-xahar ta' Settembru li kien jammonta għal €162.37.** | Segretarjat |

**10. 5.** Rapport Żejt iż-Żejtun 2012

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 5. 1 | | Kompetizzjoni Fotografika | **Il-Kunsill qabel li peress fil-website tal-Kunsill l-ewwel premju fil-kompetizzjoni fotografika tnižżel Eur150, huwa qabel li jħalli dan il-premju b'dan l-ammont.** | |
| 10. 5. 2 | | Viċi-Sindku: Laqgħa | Il-Viċi-Sindku infurmat li se issir laqgħa sabiex nisimgħu r-rispons tan-nies dwar l-attivita'. | Viċi-Sindku |
| 10. 5. 3 | | Viċi-Sindku: Ringrazzjamenti | Il-Viċi-Sindku irringrazzjat lill-kunsillliera preżenti li b'xi mod għenu sabiex l-attivita' setgħet tirnexxi u tkun suċċess. | |

**10. 6. Tender Knis tat-Toroq u Latrini Pubbliċi**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 6. 1 | | | Ara 10.2.10 | Sindku Hales |

**10. 7. Miżura 313**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 7. 1 | | Sindku: Jirrapporta | Is-Sindku irraporta li t-tieni fażi tal-proġett ta' resurfacing fi Triq Strejnu jibda meta titlesta l-estensjoni fuq il-main ta' l-ilma. | Sindku |

**10. 8. Mozzjonijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 8. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Kunsill approva nem.con li issir bozza ġdida fil-parti t'isfel ta' Trejqet is-Sagħtar li taħbat fil-ġenb tal-binja 60, Triq l-Isqof Emm. Galea.** | Sindku |
| 10. 8. 2 | | Mozzjoni tal-Kunsillier Darmanin | Is-Sindku qara l-mozzjoni tal-Kunsillier Darmanin sabiex Triq San Duminku tissemma għall-Perit Duminku Mintoff. Il-Kunsill ser jevalwa din il-mozzjoni kif ukoll iż-żewġ ittri li dehru fil-korrispondenza mis-Sur Tony Abela u Joe Mercieca. | |

**10. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 9. 1 | | Fenech: Manutenzjoni tal-pitch ta' GSM | Fenech irrapurtat li parti mit-tapit tal-football pitch f'Ġebel San Martin qed jinqala'. Is-Sindku talab sabiex inkellmu l-kuntrattur li kien għamel ix-xogħol. | Sindku |
| 10. 9. 2 | | Fenech: Road Markings | Fenech talbet sabiex isiru stop signs fi Triq Felicia Abela k/m Triq id-Duluri. Din it-talba ġiet milqugħa. | Sindku Darmanin |
| 10. 9. 3 | | Fenech: Youths@local | **Fenech infurmat lill-Kunsill li fl-14 ta' Ottubru ser issir hike cook out filwaqt li fil-31 ta' Ottubru ser l-attivita' annwali ta' Halloween.** | Fenech |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 9. 4 | Fenech: Youth cafes | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-Ministeru u d-Dipartment tal-Gvern Lokali ħarġu skema dwar il-youth cafe'. Peress li l-Kunsill s'issa għadu ma rċieva xejn ser tipprova iġġib l-informazzjoni jekk il-Kunsill hux eleġibbli jew le. | Fenech |
| 10. 9. 5 | Fenech: GSM Kiosk | Fenech staqsiet dwar id-devoluzzjoni ta' Ġnien iż-Żgħożija. Is-Sindku spjega li l-area ta' GSM mhiex kollha għadha ġiet devoluta f'idejn il-Kunsill. S'issa għadna qed nistennew din id-devoluzzjoni. | |
| 10. 9. 6 | Pace: Nemus | Il-Kunsillier Pace talab sabiex tinstab xi forma ta' soluzzjoni dwar il-funtani minħabba nemus li jiġġenera mill-ilma qiegħed tal-funtani. | |
| 10. 9. 7 | Camilleri: Rampa f'Misraħ Carlo Diacono | **Il-Kunsill laqa' it-talba ta' Camilleri sabiex issir rampa għall-wheelchair f'Misraħ Carlo Diacono.** | Sindku |
| 10. 9. 8 | Camilleri: Spralli | **Il-Kunsill qabel li jsir it-tindif ta' l-ispralli ta' Triq Sciortino.** | Sindku |
| 10. 9. 9 | Camilleri: Reminders | Camilleri fakkar fit-talbiet li kien għamel f'laqgħat preċedenti: sleeping policeman fi Trqi Santa Marija u mera fi Triq il-Qadi k/m Triq id-Daħla ta' San Tumas. | Sindku |
| 10. 9. 10 | Seychell: Wirja Filatelika | Seychell stieden lis-Sindku sabiex jinawgura l-Wirja Filatelika nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ottubru ġewwa s-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali. | Seychell |
| 10. 9. 11 | Seychell: Fdalijiet Puniċi | Seychell staqsa dwar il-korrispondenza li kienet ġiet minn Heritage Malta li kienet titratta dwar l-aċċess għall-fdalijiet puniċi li jinsabu fil-Liceo Carlo Diacono. | |
| 10. 9. 12 | Seychell: Triq Ħotba | Seychell irrimarka dwar l-ammont ta' skart fi Triq tal-Ħotba. Is-Sindku spjega li dan it-tindif ser isir mill-Cleansing Services Directorate hekk kif stipulat fil-kuntratt qabel ma l-kuntratt ikun terminat. | Hales |
| 10. 9. 13 | Seychell: Bozza maqtugħa | Seychell irraporta lill-Kunsill dwar bozza li ilha mitfija minkejja li ġiet irrapurtata mis-Segretarjat fi Triq Xrobb l-Għaġin faċċata ta' Sqaq Nru 2. | Sindku |
| 10. 9. 14 | Viċi-Sindku: Bankina | Il-Viċi-Sindku talbet lill-Kunsill sabiex titranġa l-bankina quddiem id-Dar ta' l-Anzjani. | |
| 10. 9. 15 | Viċi-Sindku: Misraħ Kanonku Giovanni Vella | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser isir ix-xogħol f'Misraħ Kanonku Giovanni Vella. Is-Sindku qal li qed nistennew id-disinn ta' dan il-Misraħ. | Sindku |
| 10. 9. 16 | Viċi-Sindku: Tabella - Arti u Artiġjanat | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir tabella fuq iċ-Ċentru Arti u Artiġjanat li tindika l-istess Ċentru. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien issottometta proposta taħt l-iskema ta' restawr ta' postijiet storiċi żgħar pero' sallum ma ħadniex risposta. | Sindku |
| 10. 9. 17 | Viċi-Sindku: CDCC | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-għamara tac-Child Day Care Centre tlestiet. | Viċi-Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. 9. 18 | Viċi-Sindku: Website | Il-Viċi-Sindku talbet lill-Kunsill sabiex isir update tal-website u jsiru links bħal dik tas-sospenzsjoni tad-dawl mill-website ta' l-Enemalta. | Segretarjat |
| 10. 9. 19 | Viċi-Sindku: Tilqima ta' l-Influenza | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tat-tilqima ta' l-influenza ser jibqgħu jintlaqgħu sat-12 ta' Ottubru filwaqt li l-vaċċin ser jingħata bejn l-1 u t-2 ta' Novembru 2012. | Viċi-Sindku |
| 10. 9. 20 | Viċi-Sindku: Weekend Break | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li bejn is-26 u t-28 ta' Ottubru ser jiġi organizzat weekend break għall-familja ġewwa Dolmen għall-prezz ta' Eur80 kull persuna. | Viċi-Sindku |
| 10. 9. 21 | Viċi-Sindku: Xibka f'GSM | Il-Viċi-Sindku talbet lill-Kunsill jikkunsidra li ssir xibka fi Ġnien iz-Zgħozija minħabba l-logħob bil-ballun u jiġu evitati ħafna inċidenti. | Sindku |
| 10. 9. 22 | Viċi-Sindku: Aerobics am | Il-Viċi-Sindku staqsiet hux qed isiru lezzjonijiet ta' l-aerobics fil-għodu. Fenech irrispondiet fl-affermattiv. | Fenech |
| 10. 9. 23 | Sindku: Bus Stop Vjal 25 ta' Novembru | Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li għandu jitneħħa l-bus stop minn Vjal 25 ta' Novembru u jitħalla dak ta' quddiem in-New Wave Kiosk f'Misraħ Carlo Diacono. | Sindku Darmanin |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 25 ta' Ottubru, 2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv